

II

(Atti mhux leġislattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-18 ta' Lulju 2011

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja li jemenda l-Ftehim dwar l-għarfien reċiproku b'relazzjoni mal-istima ta' konformità, ċertifikati u mmarrar bejn il-Komunità Ewropea u l-Awstralja

(2012/837/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(6)(a)(v) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar l-għarfien reċiproku b'relazzjoni mal-istima ta' konformità, ċertifikati u mmarrar bejn il-Komunità Ewropea u l-Awstralja ⁽¹⁾ daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1999 ⁽²⁾.
- (2) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/456/UE ⁽³⁾, il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja li jemenda l-Ftehim dwar l-għarfien reċiproku b'relazzjoni mal-istima ta' konformità, ċertifikati u mmarrar bejn il-Komunità Ewropea u l-Awstralja ("il-Ftehim") ġie ffirmat mill-Kummissjoni fit-23 ta' Frar 2012 suġġett għall-konklużjoni tiegħu.
- (3) Bħala konsegwenza tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru 2009, l-Unjoni Ewropea ssostitwixxiet u ssuċċediet lill-Komunità Ewropea.
- (4) Il-Ftehim għandu jġi konkluż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja li jemenda l-Ftehim dwar l-għarfien reċiproku b'relazzjoni mal-istima ta' konformità, ċertifikati u mmarrar bejn il-Komunità Ewropea u l-Awstralja ("il-Ftehim") huwa b'dan approvat fisem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jinnomina l-persuna awtorizzata biex tipproċedi, fisem l-Unjoni, biex tittrażmetti n-noti diplomatiċi previsti fl-Artikolu 2 tal-Ftehim, sabiex jġi espress il-kunsens tal-Unjoni li tkun marbuta bil-Ftehim ⁽⁴⁾.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Lulju 2011.

Għall-Kunsill

Il-President

M. DOWGIELEWICZ

⁽¹⁾ ĠU L 229, 17.8.1998, p. 3 (MT: Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kap. 11, Vol. 29, p. 99).

⁽²⁾ ĠU L 5, 9.1.1999, p. 74.

⁽³⁾ ĠU L 194, 26.7.2011, p. 1.

⁽⁴⁾ Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim se tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.